**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Daniel Grech**

Numru: 204/2014

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Daniel Grech**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Anthony u Sylvia neé Mizzi, imwieled Rabat, Ghawdex fid-9 ta' Gunju 1976, residenti ta' Bini tal-Gvern Slyton, Flat 5, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 16676(G), akkuzat talli fis-6 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 9:20 ta' filghodu u fil-hinijiet ta' qabel fl-akkwati maghrufa bhala l-Ghadira ta' San Rafflu, limiti ta' Kercem, Ghawdex:

1. ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. naqas milli josserva l-kontenut tal-licenzja, jew naqas milli jikkonforma ma' xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-licenzja ghall-insib fil-Harifa 2013, u cioé billi nasab jew ipprova jonsob ghal xi speci ta' ghasfur ohra li mhijiex Malvizz jew Pluviera (bi ksur ta' kondizzjoni numru 9) u dan bi ksur ta' Regolament 8 tal-A.L. 303 tal-2012 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(3) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz iz-zewg CD's (Dok. "E" – *a fol.* 23 u Dok. "NB 1" – *a fol.* 65).

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, gie pprezentat **affidavit ta' PS 664 Jason Xerri**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 5). F'dan l-affidavit, Xerri jghid li dakinhar tas-6 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-10.00am waqt li kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat gew infurmati mill-*Bird Life* li hdejn l-Ghadira ta' San

Rafflu, limiti ta' Kercem, kien hemm persuna li kienet qieghda tonsob illegalment. Jghid li fuq il-post intbaghtu PC 1558 u PC 354 fejn dawn tkellmu ma' tal-*Bird Life*. Jghid li aktar tard mar l-Ghassa Nicholas Barbara tal-*Bird Life* fejn wera filmat u ghadda kopja tieghu lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri. Spjega wkoll x'hadu maghhom l-Ghassa l-Pulizija tal-ALE u li meta tal-ALE kienu fuq il-post ta' Kercem kellmu lill-imputat li mar l-Ghassa aktar tard. Jghid li mar l-Ghassa wkoll Gilbert Haber tal-MEPA. Jixhed li l-imputat stqarr li l-ghasafar li ttiehdu mill-Pulizija ma kienux tieghu izda kienu ta' habib tieghu kaccatur bl-isem ta' Anthony Bugeja li dakinhar kien imsiefer.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, gie pprezentat ukoll **affidavit ta' PC 1558 Joseph Farrugia**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 6). F'dan l-affidavit, Farrugia jghid li dakinhar tal-akkadut, hu flimkien ma' PC 354 marru fil-post in kwistjoni f'Kercem u wara li tkellmu ma' tal-*Bird Life*, raw il-filmat li kellhom, li fih kien jidher ragel jonsob u malli rahom beda jigbor l-ghasafar go karretta u jdahhalhom go kamra fil-qrib tal-mansab. Jghid li tal-*Bird Life* indikaw li dan ir-ragel kien ghadu fid-dura tal-mansab u ndikaw ukoll il-kamra fejn tpoggew l-ghasafar. Jispjega li hu (PC 1558) flimkien ma' PC 354 marru hdejn ir-ragel, l-imputat, li kien qed jonsob ghall-pluvieri. Jghid li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk il-kamra z-zghira ta' magenb il-mansab kienitx tieghu, hu wiegeb li ma kienitx u li din kienet ta' kaccatur. Jghid li meta marru hdejn il-kamra li kienet tidher fuq il-filmat, instab il-bieb maghluq bil-katnazz u c-cavetta kienet tinsab fuq il-bejt tal-kamra. Jispjega l-ghasafar li nstabu meta nfethet din il-kamra. Jghid li l-imputat stqarr li dawn l-ghasafar ma kienux tieghu pero kienu ta' kaccatur li kien imsiefer u li gew moghtija lilu (lill-imputat) biex izommhomlu.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, gie pprezentat ukoll **affidavit ta' PC 354 Anthony Spiteri**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 7). F'dan l-affidavit, Spiteri jixhed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1558 Joseph Farrugia.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, gie pprezentat ukoll **affidavit ta' WPC 193 Diane Cilia**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "D" (*a fol.* 8). F'dan l-affidavit, Cilia tindika x'licenzji tal-kacca u x'armi

kellu registrati fuqu l-imputat fis-6 ta' Dicembru 2013. Ma' dan l-affidivat gew ezebiti numru ta' dokumenti.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014 il-Prosekuzzjoni ezebit ukoll filmat li gie mmarkat bhala Dok. "E" (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, xehed **Gilbert Haber** (*Environment Officer* fil-*Wild Birds Regulations Unit – a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tas-6 ta' Dicembru 2013 kien gie mitlub jassisti lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri. Jixhed li minn investigazzjoni preliminari rrizulta li fil-harifa tas-sena 2013 l-imputat kienet inhargitlu licenzja specjali ghall-insib tal-malvizz u l-pluviera, liema licenzja kienet tistabbilixxi numru ta' kundizzjonijiet u permezz ta' din il-licenzja persuna setghet tonsob ghal dawn iz-zewg speci partikolari kif ukoll kien hemm numru iehor ta' kundizzjonijiet ohra li wiehed kellu jzomm maghhom. Ezebixxa din il-licenzja li giet immarkata bhala Dok. "GH 1" (*a fol.* 28 *et. seq.*). Spjega li meta acceda fl-Ghassa tal-Pulizija kien hemm numru ta' ghasafar hajjin u numru ta' ghasafar ibbalzmati li gie nfurmat kienu gew elevati minn go kamra qrib mansab armat gewwa San Rafflu, limiti ta' Kercem. Ezebixxa lista ta' ghasafar hajjin u lista ta' ghasafar ibbalzmati li gew ezaminati minnu, liema listi gew immarkati bhala Dok. "GH 2" u "GH 3" rispettivament (*a fol.* 39 *et seq.*). Jghid li kien hemm ghasafar li kienu speci mnizzla fi Skeda 2 jew 3 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 li ghalhekk il-pussess taghhom kien wiehed legittimu. Jghid ukoll li kien hemm ukoll speci li ma kienux pluviera jew malvizz, fejn minkejja li l-pussess taghhom kien wiehed legittimu l-uzu taghhom ghal skop ta' insib ma kienx wiehed permissibbli. Jghid li ezamina l-affarijiet li kien hemm fuq il-post fejn ittiehed fejn jidher li kien hemm xibka u apparat iehor li kienu konformi mal-kundizzjonijiet tal-licenzja u r-regolamenti stipulati ta' l-ghasafar. Jghid li l-imputat qallu li l-ghasafar li kienu gew elevati dakinhar filghodu ma kienux tieghu imma kienu jappartjenu lil xi kaccatur iehor. Jixhed li l-imputat ikkonferma li l-mansab li hu (Haber) kien qed jara kien tieghu. Ezebixxa wkoll numru ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "GH 4" u "GH 5" (*a fol.* 41 *et seq.*). Jghid li filwaqt li l-imputat ikkonferma liema mansab kien tieghu u li l-ghasafar li kien hemm fil-kamra u li gew elevati mill-Pulizija u li sussegwentement fil-prezenza tieghu iffottografhom, l-imputat cahad li kienu ghasafar tieghu u li dejjem

qalilhom li kienu ta' xi kaccatur iehor li kien jaghmel uzu minn din il-kamra.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda jekk kienx hemm xi kmamar ohra fil-vicinanzi, jghid li kien hemm xi dwawar tal-imnasab, fosthom il-mansab li l-imputat qallu li kien tieghu. Jghid li ma jiftakarx aktar kmamar. Jiftakar zewgt idwawar u zewgt imnasab u l-kamra fil-genb taghhom.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **Nicholas Barbara** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem mal-*Bird Life Malta*. Jixhed li dakinhar tal-akkadut waqt li kien ma' kollegi tieghu u voluntiera ohra fl-inhawi ta' San Rafflu setgha jara li kien hemm mansab armat ftit il-boghod u hekk kif waslu kien hemm hafna ghajjat tal-pluvieri u tal-venew. Jghid li setgha jara li kien hemm mansab armat bi xbiki, xi *decoys* hajjin tal-pluvieri u anke foloz u kif ukoll *decoys* foloz tal-venew. Jghid li tezisti distinzjoni bejn venewa u pluviera peress li l-venew ghandu kulur differenti u ghandha wkoll rixa fuq rasha. Jghid li kienu jidhru wkoll diversi molol tal-mansab hergin mid-dura ghal fuq il-mansab. Jghid li kien hemm ukoll ghaddejjin diversi ghajjat elettronici. Jixhed li minhabba dan kollu cemplu l-Ghassa tal-Pulizija u ftit wara li ghamlu hekk intefa' l-ghajjat kollu. Jghid li minn dura fuq ix-xellug hareg individwu b'karretta, mexa fuq il-mansab, gabar iz-zewg *decoys* tal-venewi, baqa' mixi ghannaha l-ohra tal-mansab ghal kamra ohra. Jghid kif wasal hemm gabar dik li kienet tidher venewa hajja u nheba wara l-kamra. Jghid li wara ftit minuti dan il-persuna hareg bil-karretta li kienet tidher vojta, mexa fuq il-mansab u rega' dahal god-dura. Jghid li huwa ha l-filmat li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "NB 1" (*a fol.* 65) u ezebixxa wkoll zewg *still shots* immarkati bhala Dok. "NB 2" u Dok. "NB 3" (*a fol.* 66 u 67). Ix-xhud jghid li jidhirlu li l-persuna li ra dakinhar huwa l-imputat f'dawn il-proceduri. Ix-xhud ezebixxa wkoll zewg ritratti ohra mmarkati bhala Dok. "NB 4" (*a fol.* 68). Wara li gie muri Dok. "GH 4" (*a fol.* 41 *et seq.*) spjega li dawn ir-ritratti juru l-mansab kif rah mill-boghod. Jghid ukoll li jidhru l-molol u kif ukoll id-*decoys*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hu u l-kollegi tieghu kienu madwar 50 metru l-boghod. Jghid li ntuzat *digital camera* li fuqha ghandha *zoom*. Jghid ukoll li kellhom ukoll *binoculars* li biha setgha

jikkonferma aktar mill-vicin x'kien hemm. Ix-xhud ezebixxa n-notamenti li xehed fuqhom, liema notamenti gew immarkati bhala Dok. "NB 5" (*a fol.* 69).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2014, xehed **Christian Debono** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn ta dettalji fuq l-istess linji li xehed fuqhom Nicholas Barbara. Jghid ukoll li setgha jara mansab armat ghall-pluvieri u li gol-mansab kien ukoll *decoys* tal-venew. Jghid li wara ghaxar minuti kien l-imputat li hareg b'karretta fejn gabar id-*decoys* tal-venew u beda mixi lejn kamra ohra. Jghid li minn fuq din il-kamra l-ohra l-imputat nehha wkoll zewg gageg. Tul id-depozizzjoni tieghu, Debono jaghmel riferenza ghall-filmat li gie ezebit f'dawn il-proceduri. Wara li gie muri Dok. "NB 2" sa "NB 4" (*a fol.* 66 *et seq.*) spjega li dan huwa l-*investigation report* li gie mghoddi lill-Pulizija ta' Ghawdex liema rapport jinkludi ritratti u *screen shots* minn filmat.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jghid fejn kienu huma ezattament waqt li kienu qed jiffiljmaw, wiegeb li kienu fil-*parking area* vicin l-Ghadira ta' San Rafflu u jghid li l-mansab kien, bejn wiehed u iehor, hamsin metru mill-*parking area*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015, xehed **Anthony Bugeja** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn spjega li fis-6 ta' Dicembru 2013, waqt li kien imsiefer Sqallija, kien ircieva telefonata mill-Ghassa tal-Pulizija fejn gie mistoqsi jghid jekk jikkonfermax li kellu xi kamra fil-limiti ta' Kercem peress li kien instab xi tajr fiha. Jghid li huwa wiegeb fl-affermattiv. Fuq Dok. "D" (*a fol.* 22), Bugeja ndika b'cirku blu l-kamra li jamministra hu. Jghid li huwa juza din il-kamra ghall-kacca u jkun jista' joqghod hemm biex jistkenn. Fuq l-istess dokument, Bugeja ndika b'cirku b'salib fejn jinsab il-*parking area* u b'salib fejn hemm l-ghadira. Wara li gie nfurmat li l-Pulizija qalu li fost l-ghasafar tieghu sabu venewa hajja go gagga u li din kienet imbrigata, gie mistoqsi jghid ghala huwa juza din it-tip ta' venewa, u hu wiegeb: *"Biex nikkacja biha bhala decoy"* (*a fol.* 83). Jghid li fuq rasha jkollha toppu jew rixa li tkun qisha ponta ta' pinna u jispjega li din tkun qisha rixa wahda rqieqa.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jghid x'ghasafar ohra kellu f'din il-kamra, apparti l-venewa, wiegeb li kellu zewg pluvieri bbalzmati,

zewg venew ibbalzmati, venewa tat-tahrik u malvizzun u erba' imlievez. Mistoqsi jghid min kien jiehu hsiebhom meta hu ma kienx ikun hemm, wiegeb: *"Hadd"* (*a fol.* 83). Jghid li huwa kull ma mar kienet gurnata Sqallija. Mistoqsi jghid min kien ser jaghlifhom, peress li kien imsiefer, wiegeb li peress li hu mar gurnata biss Sqallija, ghalifhom fil-ghaxija, telaq Sqallija mal-katamaran ta' filghaxija u kien ser jigi ma' iehor l-ghada filghaxija. Jghid li huwa jaf lill-imputat u jghid li dan ghandu r-raba' jaqsam mieghu. Jghid li l-imputat ghandu l-imnasab u jikkaccja hu wkoll.

In <u>ri-ezami</u>, mistoqsi jghid fejn l-imputat izomm l-affarijiet relatati mal-kacca u l-insib, wiegeb: *"Ghandu kamra tieghu"* (*a fol.* 84).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni".*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet. Il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- L-imputat jinsab akkuzat li kien qed jonsob jew ipprova jonsob ghal ghasfur illi mhux suppost kien qed jonsob ghalih. Huwa jinsab akkuzat ukoll li ma ssodisfax l-kondizzjonijiet kollha tal-licenzja li kellu.

- Minkejja li l-imputat jinsab akkuzat li huwa nasab ghall-ghasafar li ma humiex la malvizz jew pluviera, fl-affidavits taghhom, PC 1558 Joseph Farrugia u PC 354 Anthony Spiteri jghidu li hekk kif dakinhar tal-akkadut marru hdejn l-imputat, l-imputat kien qed jonsab ghall-pluvieri.

- Ix-xhieda tal-*Bird Life*, cioé Nicholas Barbara u Christian Debono, jghidu li raw mansab li ma kienx kif suppost. Da parte tieghu, Gilbert Haber jghid li meta huwa ezamina l-affarijiet li kien hemm fuq il-post fejn ittiehed, fejn kien hemm xibka u

apparat iehor, dawn kienu konformi mal-kundizzjonijiet tal-licenzja u r-regolamenti stipulati tal-ghasafar.

- Ma jirrizultax li l-imputat mess xi haga mill-mument li gie migbud il-filmat li gie ezebiet sal-mument li marru fuq il-post l-ufficjali tal-Pulizija u Gilbert Haber.

- Minkejja li Nicholas Barbara jghid li kienu f'distanza ta' madwar 50 metru, kemm mis-*site plan* (Dok. "B" – *a fol.* 22) u kif ukoll mill-filmati ezebiti, jirrizulta li d-distanza kien ferm u ferm aktar.

- Gilbert Haber jixhed li kien hemm ukoll speci li ma kienux pluviera jew malvizz, fejn minkejja li l-pussess taghhom kien wiehed legittimu, l-uzu taghhom ghal skop ta' insib ma kienx wiehed permissibbli.

- Iz-zewg ufficjali tal-Pulizija jghidu li l-imputat stqarr li l-ghasafar li ttiehdu mill-Pulizija ma kienux tieghu izda kienu ta' habib tieghu kaccatur bl-isem ta' Anthony Bugeja li dakinhar kien imsiefer. Dawn instabu go kamra li Bugeja kkonferma bil-gurament, meta xehed quddiem il-Qorti, li hija tieghu.

- Mill-filmati ezebiti f'dawn il-proceduri u mir-ritratt immarkat bhala Dok. "NB 2" (*a fol.* 66) ma jirrizulta **bl-ebda mod** li dak li jidher fihom m'humiex pluviera jew malvizz. La minn dawn il-filmati u anqas mir-ritratti ezebiti minn Nicholas Barbara ma jirrizulta x'gabar l-imputat!

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwarhom, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Daniel Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**